# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Gunju, 2001**

**Numru 3**

**Cit. Nru. 880/01 GCD**

**Alberta Fire Fighting & Security Equipment Limited**

**Vs**

**Curio Café Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm1,354 (elf, tliet mija erbgha u hamsin liri Maltin), rapprezentanti ammont dovut bhala bilanc ta' prezz ta' materjali tas-sigurta` mibjugh u installat fuq ordni tas-socjeta` konvenuta skond l-istatement tad-19 ta' Jannar 2001 (Dok. "A");

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra legali datata 22 ta' Jannar 2001 izda baqghet inadempjenti; u

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u

2. tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm1,354 (elf, tliet mija erbgha u hamsin liri Maltin), kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull fattura kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Elizabeth Barbaro Sant u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm